MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2010

Citazzjoni Numru. 446/2007

**A B**
**vs**
**C B, Direttur tar-Registru Pubbliku, l-Avukat Dottor Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Louisa Tufigno kuraturi deputati nominati biex jirrapprezentaw l-interessi tal-minuri Ephram B, u E Fkjamat fil-kawza b' digriet moghti fl-10 ta' Dicembru 2008**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta li hu u martu, il-konvenuta C B, isseparaw de facto fl-20 ta' Mejju 2006 meta din ta' l-ahhar telqet mid-dar konjugali ; li minn dakinhar il-quddiem huwa qatt ma kkoabita jew kellu relazzjonijiet sesswali ma' l-istess konvenuta ; li ftit wara s-separazzjoni, din il-konvenuta dahlet f' relazzjoni mal-kjamat fil-kawza E Fli mieghu kkoabitat, u minn din ir-relazzjoni twieled it-tifel Ephram fil-31 ta' Awissu 2007 li pero' fic-certifikat tat-twelid tieghu

numru 2933/07 gie registrat bhala l-wild ta' l-attur ; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti tiddikjara li l-attur mhuwiex il-missier naturali tal-imsemmi tifel, u wkoll sabiex ic-certifikat tat-twelid tat-tifel jigi konsegwenzjalment korrett ; bl-ispejjez ;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati li biha rrispondew li huma ma kienux edotti mill-fatti tal-kaz, u rrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri ;

Rat in-nota prezentata mill-konvenuta C B li biha ammettiet it-talbiet attrici ;[1]

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha rrisponda :

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrent ghandu jitlob li jekk jintlaqghu t-talbiet tieghu ghandhom jigu kancellati l-kliem "the said" minn taht il-kolonna li tispecifika d-dettalji ta' omm it-tarbija. Inoltre, jekk it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jigu milqugha, l-kunjom tal-minuri ghandu jigi korrett.

3. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-intimat li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

[1] Fol.25

Rat in-nota prezentata mill-kjamat fil-kawza E Fli biha ammetta t-talbiet attrici, u ddikjara li hu l-missier tat-tifel Ephram ;[2]

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern skond il-ligi ;

Rat ir-rapporti xjentifici tad-DNA prezentati u mahlufa mill-Analista Christopher Farrugia u l-Ispizjara Marisa Cassar ;[3]

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat:

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel Ephram, li twieled fil-31 ta' Awissu 2007, u registrat fl-att tat-twelid numru 2933/2007 bhala bin l-attur, fil-fatt mhuwiex il-wild naturali ta' l-attur;  u li l-istess att tat-twelid jigi korrett.

**Il-Fatti**

Illi mill-provi jirrizulta provat li fl-20 ta' Mejju 2006 l-attur u martu l-konvenuta C B, isseparaw de facto, bir-rizultat li l-istess konvenuta ma baqghetx toqghod fid-dar ma' l-attur, u minn dakinhar il-quddiem dawn il-konjugi ma kellhomx relazzjonijiet intimi bejniethom.

Illi sussegwentement ghas-separazzjoni de facto, l-istess konvenuta kellha relazzjoni mal-kjamat fil-kawza E Spiteri, u minn din ir-relazzjoni twieled it-tifel Ephram fil-31 ta' Awissu 2007. L-attrici tafferma li fiz-zmien it-tlett snin li matulha ttrattjeniet ir-relazzjoni adulteruza ma' l-imsemmi Spiteri, hija kellha relazzjonijiet intimi eskluzzivament mieghu.

---

[2] Fol.49

[3] Fols.37 *et seq.*  u fol.84 *et seq.*

Illi r-rapport xjentifiku tad-DNA jkkorrobora t-tezi ta' l-attur li l-minuri Ephram li twieled mill-konvenuta C B fil-31 ta' Awissu 2007, mhuwiex il-wild naturali tieghi ; u rapport ulterjuri jikkorrobora li l-missier naturali tat-tifel huwa fil-fatt il-kjamat fil-kawza E Spiteri. Dawn ir-rapporti jikkonfermaw it-tezi tal-konvenuta rigward l-identita' tal-missier naturali tat-tifel.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet ta' l-attur huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur ; u tiddikjara li t-tifel Ephram, li twieled mill-konvenuta C B fil-31 ta' Awissu 2007, mhuwiex il-wild naturali ta' l-attur, izda hu l-wild naturali tal-kjamat fil-kawza E F; u konsegwentement tordna d-debita korrezzjoni fl-att tat-twelid numru 2933/2007 fis-sens li jigu kancellati l-isem u l-konnotati ta' l-attur A B, u jigu sostitwiti bl-isem u l-konnotati ta' l-imsemmi E F[li l-konnotati tieghu jinsabu ndikati fin-nota prezentata minnu fit-3 ta' Dicembru 2008].

L-ispejjez tal-Kuraturi Deputati u mid-Direttur tar-Registru Pubbliku ghandhom jigi sapportati mill-konvenuti Moria B u E Fkonguntament fi kwoti ugwali bejnithom. Il-kumplament tal-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------